MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 105/2005

**Camenzuli Marthese, Joseph Mark, John, Christine u Dottor Franco ahwa Mercieca bhala eredi ta' Joseph Mercieca u Catherine nee' Cauchi kif ukoll George Farrugia**

**vs**

**Charles Andrew Cordina**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid ghaliex inti konevnut m'ghandekx tkun kkundannat thallas s-somma ta' **elf tlett mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm1331)** liema ammont huwa dovut bhala kera li ghandha tithallas bil-quddiem lill-atturi rapprezentanti hlas mill-ewwel ta' Dicembru 2005 sa l-ahhar ta' Mejju 2006 tal-fond maghruf bhala Cordina Café' fi Pjazza Kennedy,

Rabat, Ghawdex bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali ta' Dicembru, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru, elfejn u hamsa (2005).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga' intom ingunti."

Ra li l-konvenut debitament notifikat la pprezenta risposta entro t-terminu gudizzjarju preskritt mill-ligi u l-anqas deher ghas-seduti mizmuma minn dan it-Tribunal

Sema' x-xhieda guramentata tal-attrici

Ikkunsidra

Illi t-talba tinsab ippruvata

Ghalqastnat jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM1,331 hlas ta' kera ghall-perjodu 01.12.2005 sat-31.05.2006 tal-fond Cordina Café Pjazza Kennedy Victoria Ghawdex bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali ta' Dicembru 2005 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi tal-istess ittra ufficjali u dik interpellatorja tat-28.11.2005 a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------